It-Tlieta 17 ta' Jannar 2023

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2023)0005

Emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament li jikkonċernaw l-Artikolu 7 dwar il-ħarsien tal-privileġġi u l-immunità u l-Artikolu 9 dwar il-proċeduri dwar l-immunità

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2023 dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament li jikkonċernaw l-Artikolu 7 dwar il-ħarsien tal-privileġġi u l-immunità u l-Artikolu 9 dwar il-proċeduri dwar l-immunità (2022/2210(REG))

(2023/C 214/15)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-ittri tal-President tiegħu tad-9 ta' Novembru u tas-16 ta' Diċembru 2022,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 236 u 237 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0001/2023),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Jiddeċiedi li l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-adozzjoni tagħhom;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

Emenda 1

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
1. Fil-każijiet fejn jiġi allegat li seħħ jew li jkun se jseħħ ksur tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jew ex Membru mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, tista' ssir talba għal deċiżjoni tal-Parlament dwar jekk seħħx ksur jew hux probabbli li se jseħħ ksur ta' dawk il-privileġġi u immunitajiet skont it-termini tal-Artikolu 9(1).	1. Fil-każijiet fejn jiġi allegat li seħħ jew li jkun se jseħħ ksur tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jew ex Membru mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ***jew mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew***, tista' ssir talba għal deċiżjoni tal-Parlament dwar jekk seħħx ksur jew hux probabbli li se jseħħ ksur ta' dawk il-privileġġi u immunitajiet skont it-termini tal-Artikolu 9(1).

It-Tlieta 17 ta' Jannar 2023

Emenda 2

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
1. Kwalunkwe talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru għat-tneħħija tal-immunità ta' xi Membru, jew minn Membru jew xi ex Membru għal ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet, għandha titħabbar fil-Parlament u tiġi riferuta lill-kumitat responsabbli.	1. Kwalunkwe talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ***jew mill-Kap Prosekutur Ewropew*** għat-tneħħija tal-immunità ta' xi Membru, jew minn Membru jew xi ex Membru għal ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet, għandha titħabbar fil-Parlament u tiġi riferuta lill-kumitat responsabbli.

Emenda 3

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 9 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità ***kkonċernata*** għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jifforma opinjoni dwar għandhiex l-immunità ***ttneħħa*** jew titħares.	5. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità ***tal-Istat Membru kkonċernat jew, skont il-każ, lill-Kap Prosekutur Ewropew*** għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jifforma opinjoni dwar għandhiex l-immunità ***titneħħa*** jew titħares.

Emenda 4

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 9 – paragrafu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
8. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza tal-awtorità ***inkwistjoni*** u dwar l-ammissibbiltà tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas m'għandu jippronunzja ruħu dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lill-Membru jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jeżamina t-talba, il-kumitat jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.	8. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza tal-awtorità ***tal-Istat Membru kkonċernat jew, skont il-każ, tal-Kap Prosekutur Ewropew*** u dwar l-ammissibbiltà tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas m'għandu jippronunzja ruħu dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lill-Membru jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jeżamina t-talba, il-kumitat jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.

Emenda 5

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 9 – paragrafu 10

Test fis-seħħ	*Emenda*
10. Il-President għandu jikkomunika minnufih id-deċiżjoni tal-Parlament lill-Membru kkonċernat u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, b'talba li l-President jinżamm infurmat dwar żviluppi u sentenzi ġudizzjarji mogħtija fil-proċedimenti rilevanti. Meta l-President jirċievi l-informazzjoni għandu jgħaddiha lill-Parlament bil-mod li huwa jaħseb li jkun l-aktar xieraq, u jekk ikun meħtieġ wara li jkun ikkonsulta l-kumitat responsabbli.	10. Il-President għandu jikkomunika minnufih id-deċiżjoni tal-Parlament lill-Membru kkonċernat u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat ***jew, skont il-każ, lill-Kap Prosekutur Ewropew***, b'talba li l-President jinżamm infurmat dwar żviluppi u sentenzi ġudizzjarji mogħtija fil-proċedimenti rilevanti. Meta l-President jirċievi l-informazzjoni għandu jgħaddiha lill-Parlament bil-mod li huwa jaħseb li jkun l-aktar xieraq, u jekk ikun meħtieġ wara li jkun ikkonsulta l-kumitat responsabbli.

Emenda 6

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 9 – paragrafu 12

Test fis-seħħ	*Emenda*
12. Il-Parlament għandu jeżamina biss talbiet biex titneħħa l-immunità ta' xi Membru li jkunu ġew trażmessi lilu mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew mir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri.	12. Il-Parlament għandu jeżamina biss talbiet biex titneħħa l-immunità ta' xi Membru li jkunu ġew trażmessi lilu mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew mir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri ***jew, skont il-każ, mill-Kap Prosekutur Ewropew***.

Emenda 7

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 9 – paragrafu 14

Test fis-seħħ	*Emenda*
14. Kull talba għal informazzjoni dwar il-firxa tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membri magħmula minn awtorità kompetenti għandha tiġi eżaminata skont ir-regoli t'hawn fuq.	14. Kull talba għal informazzjoni dwar il-firxa tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membri magħmula minn awtorità kompetenti ***ta' Stat Membru jew, skont il-każ, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew*** għandha tiġi eżaminata skont ir-regoli t'hawn fuq.